MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 390/2005

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**vs**

**Ritienne Caruana (ID 263877M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, mitejn u disgha u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm2,269.52), dovuti in kwantu ghal erba' mija u tlieta u tletin lira Maltin u sitt centezmi (Lm433.06) bhala kapital u mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm125.59) interessi ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-1 ta' Novembru, 2001 sat-13 ta' Gunju, 2005 fuq kont numru, zero erbgha tnejn – zero sitta hamsa zero tmienja sitta – tlieta zero zero (042-065086-300); hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm552.34) bhala kapital u mija

u disgha u hamsin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm159.92) interessi ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-31 ta’ Ottubru, 2001 sat-13 ta’ Gunju, 2005 fuq kont ta’ self numru zero erbgha tnejn – zero sitta hamsa zero tmienja sitta – tlieta zero wiehed (042-065086-301);  sitt mija u tlettax-il lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm613.35) bhala kapital u mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm171.00) interessi ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mid-19 ta’ Dicembru, 2001 sat-13 ta’ Gunju, 2005 fuq kont ta’ self numru zero erbgha tnejn – zero sitta hamsa zero tmienja sitta – tlieta zero tnejn (042-065086-302); mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm168.85) bhala kapital u hamsa u erbghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm45.71) interessi ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mll-25 ta’ Jannar, 2002 sat-13 ta’ Gunju, 2005 fuq kont riskedat ta’ Visa numru zero erbgha tnejn – zero sitta hamsa zero tmienja sitta – tlieta erbgha zero (042-065086-340) skond l-annessi dokumenti bankarji konsistenti fi Statements of Account (Dok. AB1 sa’ AB4), Loan Account Agreement Form (Dok AB5 sa’ AB9) liema somma hija minnhu dovuta izda ma thallsitx, ghalkemm debitament interpellata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta’ Settembru, 2002 (Dok AB10 u AB11) ittra nterpellatorja datata 11 ta’ Marzu 2002, 17 ta’ Mejju, 2002, 29 ta’ Novembru 2004 u 10 ta’ Mejju, 2005 (Dok AB12 – AB15) u bl-interessi ulterjuri mill-14 ta’ Gunju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta’ Novembru, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------